MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1474/2003

**Joseph Zahra**
**Vs**

**Stephen Aguis**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' LM1300 (elf u tlett mitt Lira Maltin) dovut ghal self skond skrittura privata datata 9 ta' Settembru 2002.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax dekorribbli mill-1 ta' April 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fid-9 ta’ Awissu 2003 u naqas li jidher u lanqas meta gew ipprezentati l-kapitoli fil-15 ta’ Dicembru 2003 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------